**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 02 ta' Settembru, 2024**

**Rikors Guramentat Nru: 429/2024 AF**

Wara l-Mandat ta' Sekwestru bin-numru 644/2024 fl-ismijiet:

**Tecnowash Limited (C-15869)**

**vs**

**Emanuel Azzopardi**

**u**

**Claudio Azzopardi**

**u**

**Angela Azzopardi**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Emanuel Azzopardi, Claudio Azzopardi u Angela Azzopardi, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet moghtija, din il-Qorti ntalbet:

1. Tappunta dan ir-rikors ghas-smigh b'urgenza a tenur tal-Artikolu 836(2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u jekk din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun;

2. Tirrevoka u thassar ghal kollox, il-mandat ta' sekwestru bin-numru 644/2024 ai termini tal-Artikolu 836(1)(b) u/jew (d) u/jew (f) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Fin-nuqqas li tilqa' t-tieni talba, tirrevoka u thassar in parti l-mandat ta' sekwestru bin-numru 644/2024, b'dana illi tehles mill-effetti tal-istess mandat il-kont bankarju tal-esponenti sabiex ihallsu l-pagamenti mensili dovuta minnhom lill-impjegati u terzi;

4. B'applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 836(8)(b) u/jew (d) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lis-socjetà Technowash Limited ghall-hlas ta' penali ta' mhux inqas minn €1,164.69 u mhux izjed minn €6,988.12;

5. Fin-nuqqas li ma jigux milqugha t-talbiet precedenti, b'applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Art. 838A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lis-socjetà Tecnowash Limited sabiex jaghtu, entro terminu li jigi lilhom prefiss, garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali li tista' tigi imposta u ta' danni u imghax, u jekk jonqsu, li jitnehha l-att kawtelatorju.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat it-twegiba ta' Tecnowash Limited.

Rat id-dokument anness.

Semghet lid-difensuri jittrattaw ir-rikors, li thalla sabiex jigi degretat *in camera*.

Ikkunsidrat illi permezz ta' dan ir-rikors, Claudio, Emanuel u Angela Azzopardi qed jitolbu lil din il-Qorti thassar mandat ta' sekwestru kawtelatorju mahrug fil-konfront taghhom mis-socjetà Tecnowash Limited sabiex din tal-ahhar tiqeghed fis-sod pretensjoni taghha ghal hlas ta' danni attwali u eventwali u b'rizerva ghal danni ulterjuri in via ta' kumpens ghall-avvjament minnha generat u approprjat ingustament mill-intimati. Tecnowash ikkalkulat li dawn jistghu jammontaw ghal €750,000.

Ir-rikorrenti odjerni (sekwestrati) jsejsu t-talbiet taghhom fuq l-Art. 836(1)(b) u/jew 1(d) u/jew 1(f) li testwalment jipprovdu ghat-thassir ta' mandat kawtelatorju kif gej:

> *"(b) li waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti;*
>
> *...*
>
> *(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv; jew*
>
> ...
>
> *(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli."*

Jirrizulta mad-daqqa t'ghajn (ghaliex sa hawnhekk dovuta tasal din il-Qorti f'dan l-istadju) illi ghal snin twal, kif konfermat bil-gurament minn Jacqueline Azzopardi fir-rikors li ta bidu ghall-kawza fil-mertu, s-socjetà Tecnowash u s-sekwestrati, li jiggestixxu Queens Dry Cleaners, kienu jikkoperaw billi Queens kienet tghaddi xoghol lil Tecnowash. Jidher illi Queens kienet tithallas mill-klijenti u thallas hi lil Tecnowash wara li zzomm ghaliha commission. Ghal ragunijiet li ghad iridu jigu esplorati

fil-kawza fil-mertu, l-influss ta' xoghol lil Technowash waqaf u beda jigi assenjat lil terzi. Tecnowash issostni li b'hekk sofriet danni u qed tirreklamhom. Tikkontendi li kienet hi li holqot l-avvjament tal-"Laundry" fin-negozju ta' Queens, u dan tul dawn l-ahhar tletin sena.

F'dan l-isfond, madanakollu, din il-Qorti tinnota illi la meta gie tentat il-hrug tal-mandat ta' sekwestru originarjament (liema mandat gie michud) u lanqas fl-atti ta' dawn il-proceduri, ma ndenjat ruhha Technowash Limited tipprezenta mqar prospett tad-danni li hija qeghda tippretendi. Dan iwassal lil din il-Qorti tasal ghall-fehma illi l-istess mandat gie mressaq b'mod pjuttost azzardat. Il-Qorti tifhem illi fi stadju bikri tal-proceduri dwar il-vertenza, kreditur jista' ma jkollux f'idejh id-dokumentazzjoni shiha in sostenn tal-pretensjoni tieghu. Però din il-Qorti ma tistax tibqa' tipparalizza negozju minghajr ma jinghata mqar hjiel tal-konsistenza tal-pretensjoni.

Ghalhekk din il-Qorti tqis gustifikata t-talba skond ma jipprovdi l-Art. 836(1)(d) u taqta' u tiddeciedi billi thassar il-mandat ta' sekwestru 644/2024.

L-ispejjez jibqghu rizervat ghall-kawza fil-mertu mibdija bejn il-partijiet.

IMHALLEF